BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 01/09 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 8 ta' Jannar 2009 fis-1.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **Is-Sur Jesmond Borg** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 09/08 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. R.Zahra ippropona u S.Cuschieri issekondat mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/01* - Il-Wise Owl Publications ħallew l-uffiċċju tal-Kunsill tlett volumi tal-kotba bit-titlu 'Malta at War' biex nitħajru nixtru sett għal-librerija lokali. Il-Kamra qablet li tixtri s-sett ta' tlett volumi għall-prezz ta' €83.97 biex jinżammu l-uffiċċju tal-Kunsill għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

## ***AĠENDA -3***

Il-Kamra għaddiet biex tiddiskuti l-offerti pubbliċi.

(a) Kiri ta' Makkinarju - Avviż Nru. 05/08

| | | | |
|---|---|---|---|
| Offerta 1 :- | Charlie Fenech | €66/day | €20/hr |
| Offerta 2 :- | John Mary Vella | €192.50/day | €24.05/hr |
| Offerta 3 :- | Andre Escave Co. Ltd. | €151/day | €33/hr |
| Offerta 4 :- | Asfaltar Construction Ltd. | €184/day | €35/hr |
| Offerta 5 :- | Polidano Bros. | €165/day | €21/hr |

Saret diskussjoni fuq il-ħames offerti fejn Offerta Nru. 2 ġiet eliminata minħabba li ma kelliex *bid-bond*. Peress li Offerta Nru. 1 kienet l-orħos u ma kien hemm l-ebda *complain* fuq xogħlu s-Sur Charlie Fenech ġie magħżul biex jerġa' jkun il-kuntrattur.

(b) <u>Tindif ta’ Postijiet Pubbliċi - Avviż Nru. 04/08</u>

| | | |
|---|---|---|
| Offerta 1 :- | Ronald & Chris Bezzina | €3995 fis-sena |
| Offerta 2 :- | Jason Galea | €17570 fis-sena |
| Offerta 3 :- | Marco Mintoff | €19900 fis-sena |
| Offerta 4 :- | Karl De Flavia & Chris Brincat | €10480 fis-sena |
| Offerta 5 :- | Raymond Cutajar | €7500 fis-sena |
| Offerta 6 :- | Angelo Cutajar | €7000 fis-sena |

Saret diskussjoni fuq is-sitt offerti. Il-Kamra ddeċidiet li tagħżel Offerta Nru. 1 ta’ Ronald & Chris Bezzina peress li kienet l-orħos waħda.

(c) <u>Servizz ta’ *Handyperson* - Avviż Nru. 03/08</u>

| | | |
|---|---|---|
| Offerta 1 :- | Angelo Cutajar | €5.36/hr |
| Offerta 2 :- | Racs Cleaning & Handyman Service | €7.55/hr |
| Offerta 3 :- | Smart Capacity Ltd. | €12.90/hr |

Saret diskussjoni fuq it-tlett offerti. Peress li Offerta Nru. 1 kienet l-orħos waħda Angelo Cutajar ġie magħżul biex ikun il-kuntrattur.

***<u>AĠENDA -4</u>***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra r-Rapporti Finanzjarji li jkopru l-perijodi ta’ tlett xhur bejn 1 ta’ April 2008 sat-30 ta’ Ġunju 2008 u mill-1 ta’ Lulju 2008 sat-30 ta’ Settembru 2008. Dawn ġew approvati mill-Kamra.

***<u>AĠENDA -5</u>***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-purchase requests tagħhom għax-xhur ta’ Novembru u Diċembru 2008. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġew approvati biex is-somom ta’ €32,634.85 u €68,385.00 jitħallsu rispettivament.

***<u>AĠENDA -6</u>***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :-

   (a) nhar it-Tnejn, 19 ta’ Jannar 2009 fl-uffiċċju tal-Kunsill ser issir laqgħa ma’ uffiċjali tal-MEPA rigward il-Girgħien Development Brief.

   (b) nhar it-Tlieta, 13 ta’ Jannar 2009 ser issir laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill mas-Superintendent tal-Cultural Heritage biex tiġi diskussa id-devoluzzjoni tar-razzett li jinsab f’Tal-Papa.

   (c) is-Sibt, 17 ta’ Jannar 2009 ser issir manifestazzjoni organizzata minn Birżebbuġa Environment Action Group flimkien mal-Kunsill Lokali kontra l-applikazzjonijiet għat-tkabbir tal-Freeport.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kamra biex tkun tista’ tapplika għal l-*internet banking -viewing only* fuq il-kontijiet tal-Kunsill. Il-Kamra tat l-approvazzjoni tagħha.

3. Il-Kamra ntalbet taħtar Kunsillier biex ikun responsabbli mill-Proġetti Sostenibbli fil-Lokalita’, kif ġie mitlub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali skond Memo 02/2009. Il-Kunsillier T.Roberts ġie nominat biex jirrappreżenta lill-Kunsill.

4. Is-Sindku informa l-Kamra li l-Kunsill ser joffri servizz ta' trasport kull nhar ta' Ġimgħa lill-anzjani li jridu jattendu d-*Day Centre* u ma jkollhomx biex imorru. Il-Kamra qablet ma' din l-inizjattiva.

5. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li hemm bżonn isir pont bejn il-CountryStyle u l-*promenade* tal-Bajja s-Sabiħa biex fix-xita n-nies ikunu jistgħu jaqsmu minn fuqu peress li jgħaddi ħafna ilma minn din iż-żona. Il-Kamra qablet li dan il-pont għandu jsir.

6. S.Cuschieri rrimarkat li fi Triq Is-Sajjied qed ikun hemm ħafna żejt ma' l-art u li qed joħloq inkonvenjent kemm għall-karozzi kif ukoll għan-nies. Ġie ssuġġerit li dan l-ilment ngħadduh lil Environment Field Inspectors.

7. R.Zahra rrimarka li minn Triq Iż-Żurrieq qed jgħaddu ħafna trakkijiet kbar fid-direzzjoni lejn jew minn Ħal Far. Għandu jintalab parir mill-ADT biex jitwaħħlu tabelli li jindikaw li vetturi kbar m'għandhomx jgħaddu mill-qalba tar-raħal.

8. S.Cuschieri ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li l-ħadid ta' mar-*roundabout* ta' Misraħ Il-Knisja inqala' u għandu jitranġa.

9. J.Baldacchino talab biex jiġi rranġat il-*bus shelter* ta' Misraħ Il-Knisja minħabba li l-ispazju bejn *panel* u ieħor huwa kbir u għalhekk in-nies qed jixxarbu kull meta tkun ix-xita.

10. T.Roberts informa l-Kamra li l-armarju tas-sala sar u ssuġġerixxa li jsir bank fis-sala. Kulħadd qabel.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Ħamis, 12 ta' Frar 2009 fit-8.30am. .
.

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **.............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |